**22 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A.,, LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B. Litt., LL.D.**

Paolo Mifsud ne.

*versus*

Lorenzo Said ne. et.

**Kjamata fil-Kawża — Ġurisdizzjoni — Art. 743(g) tal-Kap. 15.**

*Jekk f'kawża tintalab il-kjamata fl-kawża ta' ditta frustiera li fuqha l-Qrati Tagħna ma għandhomx ġurisdizzjoni, is-sejħa fil-kawża mitluba ma tistax tiġi akkordata.*

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tagħti lill-Qrati Tagħna ġurisdizzjoni fil-kawżi kollha li jirrigwardaw kull persuna għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma' suddittu tal-Maestà Tagħha r-Reġina meta s-sentenza tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer, ovvjament tippresupponi illi, fil-każ ta' frustier, il-kawża li jkun hemm quddiem il-Qorti (fejn appuntu tqum il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni) tista' twassal għal sentenza kontra dak il-frustier li tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer. Għalhekk jeħtieġ, qabel xejn, illi l-proċeduri jkunu ntiżi biex, jew għall-anqas jistgħu, iġibu sentenza ta' kundanna kontra l-frustier. Intant wieħed jista' jitkellem fuq*

*eżekuzzjoni in kwantu qabel xejn tkun presupposta s-sentenza kundannatorja; u jekk ma jistax ikun hemm sentenza tali, ma jistax ikun hemm x'jiġi eżegwit kontra l-frustier.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-"Azienda Agricola U. Sottocasa" ta' Tripoli spediet għal Malta żewġ partiti larinġ, li waslu bil-bastimenti "Città di Messina" u "Celio", u li ġew ritirati mill-konvenut Lorenzo Said nomine mingħajr il-produzzjoni tad-dokumenti relattivi, bil-garanzija solidali tal-konvenut Tagliaferro nomine; u illi l-konvenut Said nomine ma pproduċiex id-dokumenti u l-anqas ma ħallas il-prezz lid-ditta "Sottocasa", u għalhekk din ipproċediet ġudizzjarjament kontra s-soċjetà "Tirrenia" quddiem it-Tribunal ta' Napoli, u din is-soċjetà, b'sentenza ta' dak it-Tribunal, sofriet id-danni ndikati fl-istess att taċ-ċitazzjoni; talab, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u speċjalment dik li l-merkanzija ġiet lill-konvenut Said nomine mibjugħa mill-imsemmija ditta "Sottocasa", li l-konvenuti nomine jiġu dikjarati responsabbli tad-danni riferiti, u konsegwentement jiġu kundannati jħallsu solidalment il-valur tal-istess danni;

Rat ir-rikors preżentat quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-3 ta' Diċembru 1958, li bih il-konvenut Said nomine talab li dik il-Qorti jogħġobha tordna li tiġi msejħa fil-kawża d-ditta "Consorzio Agrario della Tripolitania";

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tal-24 ta' April 1959, li bih ċaħdet dik it-talba, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Said; wara li kkunsidrat;

Illi fl-att taċ-ċitazzjoni l-attur, wara li ppremetta illi l-"Azienda Agricola U. Sottocasa" ta' Tripoli spediet għal Malta żewġ partiti larinġ, li waslu bil-bastimenti "Città di Messina" u "Celio", u li ġew ritirati mill-konvenut Lorenzo Said nomine mingħajr il-produzzjoni tad-dokumenti relattivi, bil-garanzija solidali tal-konvenut "Tagliaferro nomine"; u li l-konvenut Said ma pproduċiex id-dokumenti, u lanqas ma ħallas il-prezz lid-ditta "Sottocasa", u għalhekk

din ipproċediet ġudizzjarjament kontra s-soċjetà "Tirrenia" quddiem it-Tribunal ta' Napoli, u din is-soċjetà, b'sentenza ta' dak it-Tribunal, sofriet id-danni ndikati fl-istess att ta' ċitazzjoni; talab, previa d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u speċjalment dik li l-merkanzija ġiet lill-konvenut Said nomine mibjugħa mill-imsemmija ditta "Sottocasa", li l-konvenuti nomine jiġu dikjarati solidalment responsabbli tad-danni riferiti, u konsegwentement jiġu kundannati jħallsu solidalment il-valur ta' dawk l-istess danni;

Illi kontra t-talba l-konvenut Said nomine eċċepixxa illi hu qatt ma kellu ebda relazzjoni mad-ditta "Azienda Agricola U. Sottocasa", għaliex il-larinġ akkwistah mill-"Consorzio Agrario della Tripolitania" per mezz ta' Mario Farrugia, li tagħhom kien l-aġent f'Malta, u l-prezz relattiv ġie mill-istess eċċipjent depożitat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 1948 b'isem l-istess "Consorzio", u in segwitu ġie sekwestrat għal raġunijiet li ma jinteressawx lil din il-kawża; u illi l-poloz relattivi qatt ma ġew fil-pussess tiegħu, u fil-fatt, kif sar jaf wara, kienu fil-poter tal-imsemmi Farrugia, u ġew konsenjati lill-Avukat Cartechini ta' Tripoli, rappreżentant tal-"Consorzio", meta l-istess avukat kien Malta;

Illi l-konvenut Said nomine jara n-neċessità tal-kjamata f'din il-kawża tal-"Consorzio Agricolo della Tripolitania" minħabba l-eċċezzjoni li hu ssolleva fis-sens li akkwista l-larinġ minn għand dak il-"Consorzio", u billi l-attur nomine talab id-dikjarazzjoni fis-sens li l-larinġ ġie mibjugħ mid-ditta "Sottocasa", u wkoll billi l-meritu tal-kawża hu intrinsekament marbut mas-soluzzjoni, f'sens jew ieħor, ta' dik il-kwistjoni dwar min kien il-venditur;

Illi fl-art. 959 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jingħad li "kull min juri b'sodisfazzjon lill-Qorti li huwa għandu nteress f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista', fuq rikors, jiġi mdaħħal "in statu et terminis" bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-Qorti tal-Ewwel Grad sew fil-Qorti fi Grad ta' Appell, mingħajr ma jitwaqqfu, però, il-proċeduri tal-kawża"; u mbgħad, fl-art. 960 tal-istess Kodiċi, jingħad li "tista' wkoll terza persuna, b'digriet tal-Qorti, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msej-

ħa f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-Qorti tal-Ewwel Grad, sew fuq talba ta' waħda mill-partijiet, kemm ukoll mingħajr dik it-talba". "Din it-terza persuna", tkompli tgħid il-liġi, "għandha tiġi notifikata bil-libell jew biċ-ċitazzjoni, skond il-każ, u għall-finijiet kollha titqies bħal kull konvenut ieħor; u bħala tali għandha l-jedd li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefizzju ieħor li l-liġi tagħti lill-konvenut; u tista', skond iċ-ċirkustanzi, tiġi meħlusa jew kundannata daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha";

Illi bl-ewwel dispożizzjoni l-liġi tagħti lit-terz mezz preventiv għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-interessi tiegħu, li jkunu jistgħu jiġu disturbati jew preġudikati b'sentenza f'kawża bejn oħrajn. Dan hu l-intervent volontarju, oriġinanti mill-interess tat-terz biss, u għandu dejjem jiġi konċess meta t-terz jiddimostra nteress dirett u personali, leġittimu u attwali. Bit-tieni dispożizzjoni l-liġi tipprovdi għall-intervent koatt, komprendenti l-intervent koatt provokat minn istanza ta' parti, attur jew konvenut, u l-intervent koatt ordnat "di ufficio"; oriġinanti l-ewwel wieħed mill-interess tal-parti li tipprovokah, u t-tieni wieħed mill-interess aktar elevat tal-ġustizzja;

Illi mill-konfront tal-imsemmijin dispożizzjonijiet tal-liġi tirriżulta ċara d-differenza bejn iż-żewġ interventi. Il-pożizzjoni tal-kjamat fil-kawża hija dik ta' veru u proprju konvenut, fil-waqt li dik tal-intervenut volontarjament hija ta' sempliċi nteressat;

Illi, però, il-kjamat fil-kawża, għalkemm konvenut, jista' jiġi u jista' ma jiġix liberat jew kundannat, skond il-każ, għaliex il-kjamata tat-terz biex jintervjeni fil-kawża mhux dejjem, neċessarjament, ikollha b'fini l-kundanna ta' dak it-terz, billi jista' jkollha b'mira li tassoċja dak it-terz għad-difiża komuni, jew li tassikura bil-kontradittorju tiegħu d-definittiva riżoluzzjoni tal-kontroversja quddiem dawk kollha li għalihom dik il-kontroversja tkun komuni; imma billi l-intervent koatt ad istanza ta' parti hu motivat mill-interess tal-litigant li jitolbu, mentri fil-każ ta' intervent volontarju l-intervent hu motivat mill-interess tal-intervenut, mhux biżżejjed, għall-intervent koatt, għall-kjamata fil-

kawża ad istanza ta' parti, sempliċi nteress, imma hu neċessarju illi l-kwistjoni aġitata tkun tirrifletti anki lill-kjamat fil-kawża bħala wieħed li jkollu l-istess drittijiet u l-istess obligi tal-parti li titlob l-intervent tiegħu;

Illi, għalkemm ġiet mitluba l-imsemmija dikjarazzjoni dwar min biegħ il-merkanzija, din, però, mhix neċessarja, kif jippretendi li hija l-konvenut Said nomine, għad-definizzjoni tad-domanda. Il-kawżali tad-domanda kontra ż-żewġ konvenuti solidalment bejniethom, biex jiġu dikjarati responsabbli għad-dannu riżentit mis-soċjetà attriċi u għall-konsegwenti kundanna tagħhom għar-riżarċiment ta' dak id-dannu, hi l-garanzija surriferita prestata mill-istess konvenuti favur l-istess soċjetà attriċi li jżommuha ndenni minn dak id-dannu talli l-kaptan tal-bastiment ikkonsenja l-merkanzija mingħajr il-preżentazzjoni, jiġifieri l-konsenja, tal-polza — kawżali dedotta u esposta b'suffiċjenti kjarezza fl-att taċ-ċitazzjoni; u għalhekk it-talba tista' tiġi attiża ndipendentement minn dik id-dikjarazzjoni. Il-konvenuti nomine ġew imsejħin biex jirrispondu lejn is-soċjetà attriċi in bażi għall-imsemmija garanzija; u in bażi għal din il-garanzija huma jirrispondu direttament lejn l-istess soċjetà attriċi; u jekk il-konvenuti, jew xi wieħed minnhom, ikollu xi azzjoni kontra l-"Consorzio" fil-każ li d-domanda attriċi tiġi milqugħa kontra tiegħu, dik l-azzjoni jkollha l-bażi tagħha fuq rapport ġuridiku estraneu, u mhux konness mar-rapport li għalieh tirriferixxi l-kawża preżenti, billi l-kwistjoni fiha aġitata ma tirriflettix lill-"Consorzio" bħala aventi l-istess obligi li għandhom il-konvenuti lejn is-soċjetà attriċi, derivanti mill-garanzija riferita, u kwindi, jekk il-konvenut Said nomine jrid, jekk jiġi kundannat f'din il-kawża, jirriversa l-konsegwenzi tal-kawża sfavorevoli fuq il-"Consorzio", għandu jagħmlu f'ġudizzju ieħor, billi, għalkemm forsi hemm xi każ fil-ġurisprudenza tagħna fejn ġie ritenut li l-kjamata fil-kawża tista' ssir anki biex tevita regressi, id-dottrina hija però dik fuq esposta;

Illi l-"Consorzio" hi ditta stranjiera, mhix domiċiljata f'dawn il-Gżejjer, u ma tidħolx fl-ebda waħda mill-kategorji elenkati fl-art. 743 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li fuqhom it-Tribunali Maltin għandhom ġurisdizzjoni. Il-

konvenut Said nomine ssottometta li tidħol f'dik ta' "kull persuna, *għal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma'* suddittu tal-Maestà Tagħha r-Re, meta s-sentenza tista' tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer" (art. 743 (g); u dan peress li l-"Consorzio" għandu depożitat taħt l-awtorità ta' din il-Qorti, kif jallega l-konvenut Said nomine, il-prezz tal-laring in kwistjoni; iżda dak il-prezz ġie depożitat u mbgħad sekwestrat mill-konvenut Said nomine, kif jallega l-istess konvenut, għal raġunijiet li ma jinteressawx lil din il-kawża. U tabilħaqq, jirriżulta li ġie sekwestrat in kawtela *tal-pretensjoni illi l-istess konvenut Said għandu kontra l-istess "Consorzio" għal danni derivanti* mill-inadempjenza ta' kuntratt ieħor li hu l-meritu tal-kawża li għaliha l-konvenut "Tagliaferro nomine" għamel riferenza fin-nota tal-eċċezjonijiet tiegħu, u li għadha pendenti quddiem din il-Qorti. Dak id-depożitu, kwindi, irradika l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti riferibbilment għal dik il-kawża, billi ġieb li s-sentenza, jekk favorevoli, mogħtija f'dik il-kawża, tkun tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer; imma appuntu għaliex dak id-depożitu qiegħed iservi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza, jekk favorevoli, f'dik il-kawża, u kwindi biex jirradika *l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Malti* riferibbilment għal dik il-kawża, loġikament u ġuridikament ma jistax iservi — billi l-kawtela għandha tkun proporzjonata għall-pretensjoni — biex jirradika l-ġurisdizzjoni għal kawżi oħra Anki għal din ir-raġuni, kwindi, jiġifieri għaliex il-"Consorzio" ma jistax jiġi sottopost għall-ġurisdizzjoni maltija, skond in-normi ordinarji tal-ġurisdizzjoni fil-konfront tal-istranjier, il-kjamata fil-kawża tiegħu ma tistax tiġi milqugħa;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Lorenzo Said nomine *appella minn dak id-digriet, u talab li jiġi revokat, billi min*flok jiġi deċiż li hemm lok għall-kjamata fil-kawża tad-ditta "Consorzio Agrario della Tripolitania", u, wara li jingħataw il-provvedimenti kollha għall-finijiet ta' dik il-kjamata, l-atti jiġu rinvijati quddiem l-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Illi l-Qorti jidhrilha li għandha tiġi diskussa fl-ewwel lok il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni; għax jekk din tiġi riżoluta f'sens sfavorevoli għall-appellant, fis-sens ċjoè illi l-Qrati ta' Malta ma għandhomx ġurisdizzjoni fil-kawża preżenti fil-konfront tad-ditta frustiera li l-appellant irid isejjaħ fil-kawża, ma jkunx hemm bżonn li jiġu diskussi kwistjonijiet oħra;

Ma jistax ikun hemm dubju illi l-azzjoni tal-attur nomine hi bażata fuq l-obligazzjoni assunta mill-konvenuti nomine skond id-dokumenti G u F (fol. 7 u 9 tal-proċess). Din l-obligazzjoni ġiet assunta, kif isir użwalment, għax il-konvenut Said nomine, destinatarju tal-merkanzija in kwistjoni, ried jirtira u fil-fatt irtira, dik il-merkanzija mingħajr il-konsenja tad-dokumenti relattivi. Biha huma ntrabtu li jżommu lill-attur nomine "fully indemnified for all claims, damages, expenses and costs which you (l-attur nomine) may suffer or be put to by reason of such delivery to us without production of the bill of lading, which we shall surrender to you as soon as received"; obligaw ruħhom ukoll "not to deposit in Court any such monies as may be due for freight, charges, cost of goods, damages, interest, law costs, etc. but to pay same to you on demand without any prejudice whatsoever to yourselves or to your principals";

Il-poloz fol. 6 u 8 tal-proċess — "dawk" li mingħajr il-produzzjoni tagħhom il-konvenut Said irtira l-merkanzija — juru illi l-karikatur kienet id-ditta "Azienda Agricola U. Sottocasa" (ara dok. oriġinali fol. 192 u 193);

L-attur nomine jgħid li, peress li l-konvenut Said naqas li jipproduċi l-imsemmija dokumenti u li jħallas il-prezz tal-merkanzija lid-ditta speditriċi, din azzjonat lilu quddiem il-Qrati ta' Napli u hu ġie kundannat iħallas il-prezz, u sofra spejjeż u danni oħra, li issa qiegħed jippretendi minn għand il-konvenuti bis-saħħa appuntu tal-garanzija prestata minnhom għal dik l-eventwalità kif intqal fuq;

F'dawk il-proċeduri jidher illi d-ditta attriċi f'din il-kawża kienet insistiet biex jiġi msejjaħ fil-ġudizzju n-"National Bank of Malta" in bażi għall-garanzija prestata

minnu; liema talba tad-ditta attriċi ġiet miċħuda mit-Tribunal ta ' Napli għaliex, trattandosi ta' bank ċittadin frustier għall-Italja, il-każ ma kienx wieħed minn dawk eċċezzjonali li fihom, skond il-Liġi Taljana, il-Qrati Taljani kellhom ġurisdizzjoni (ara fol. 207 et seq.). It-talba tal-garanzija da parti tad-ditta issa attriċi fil-konfront tal-Bank ma kienetx "konnessa" mal-azzjoni esperita mid-ditta speditriċi tal-merkanzija fil-konfront tad-ditta issa attriċi;

Iċ-ċitazzjoni fil-kawża preżenti ġiet preżentata fit-28 ta' Settembru 1951;

Fin-nota tiegħu tal-eċċezzjonijiet, preżentata fit-2 ta' Novembru 1951, il-konvenut Said eċċepixxa illi hu qatt ma kellu relazzjoni mad-ditta "Azienda Agricola U. Sottocasa"; il-partiti laring in kwistjoni hu kien xtrahom minn għand il-"Consorzio Agrario della Tripolitania" per mezz tal-aġent tiegħu f'Malta, u l-prezz hu kien iddepożitah fir-Reġistru tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha b'isem dak il-"Consorzio", u mbgħad issekwestrah għal raġunijiet li ma jirrigwardax il-preżenti kawża. Eċċepixxa wkoll illi l-poloz in kwistjoni qatt ma ġew fil-pussess tiegħu, u kien sar jaf li kienu fil-poter ta' ċertu Mario Farrugia, allura aġent tal-"Consorzio", li kien ikkonsenjahom lil rappreżentant tal-istess "Consorzio";

Wara dan, il-kawża bdiet tieħu l-kors tagħha. Fit-3 ta' Diċembru 1958, wara li l-kawża kienet ġa ġiet differita għas-sentenza (fol. 223), il-konvenut Said nomine talab il-kjamata in kawża tal-imsemmi "Consorzio", u għar-rigward tal-ġurisdizzjoni semma l-imsemmi depożitu taħt l-awtorità tal-Qorti tal-Kummerċ. La fir-rikors tiegħu fol. 236, la fil-verbal fol. 239, u lanqas fir-rikors ta' dan l-appell, il-konvenut Said ma speċifika d-dispożizzjoni preċiża tal-liġi li taħtha l-Qrati Tagħna għandhom ġurisdizzjoni fuq dak il-"Consorzio" għall-finijiet tas-sejħa tiegħu fil-kawża. Mill-korp tad-digriet appellat però jidher illi d-dispożizzjoni nvokata mill-konvenut Said hi dik tal-inċiż (g) tal-art. 743 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid illi l-Qrati ta' Malta (salvi dispożizzjonijiet oħra li mhumiex rilevanti) għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċidu l-kawżi kollha li jirrigwardaw "kull per-

suna, għal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma' sudditu tal-Maestà Tagħha r-Reġina, meta s-sentenza tista' tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer";

Edba nċiż ieħor tal-imsemmi artikolu ma hu in kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-dispożizzjoni nvokata mill-appellant hi manifestament inapplikabbli għall-każ preżenti. Dik id-dispożizzjoni ovvjament tippresupponi illi, fil-każ ta' frustier, il-kawża li jkun hemm quddiem il-Qorti (fejn appuntu tqum il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni) tista' twassal għal sentenza kontra dak il-frustier li tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer. Id-dispożizzjoni hi ispirata mill-favur għaċ-ċittadini britanniċi, biex ma jkunux kostretti f'każ bħal dak li jirrikorru għat-tribunali esteri. Il-qofol u l-essenza tagħha huma illi jista' jiġi ottenut is-soddisfaċiment ta' obligazzjoni favur ċittadin britanniku kontra d-debitur frustier per mezz tal-eżekuzzjoni f'dawn il-Gżejjer tas-sentenza ottenuta kontra tiegħu. "In primo et ante omnia", għalhekk, jeħtieġ illi l-proċeduri jkunu ntiżi biex, jew għall-anqas jistgħu jġibu sentenza ta' kundanna kontra l-frustier in kwistjoni. Intant wieħed jista' jitkellem fuq eżekuzzjoni, in kwantu qabel xejn tkun presupposta s-sentenza kundannatorja. Jekk ma jistax ikun hemm sentenza tali, ma jistax ikun hemm x'jiġi eżegwit kontra l-frustier;

Issa, anki kieku kellha tiġi msejħa fil-kawża d-ditta frustiera msemmija mill-appellant għall-oġġett indikat minnu, ebda sentenza ta' kundanna "fil-kawża preżenti" ma tista' tiġi mogħtija kontra tagħha favur id-ditta attriċi (li, inċidentalment, anqas hi ċittadin britanniku). Sentenza favur il-konvenut li tista' tiġi eżegwita bħala riżultat ta' dawn il-proċeduri hi, ma għandniex xi ngħidu, sempliċement inkonċepibbli;

Il-Qorti tixtieq tinsisti illi d-diskussjoni preżenti tirrigwarda esklużivament l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni speċjali li biha, "għal raġuni speċifika", ġiet eċċezzjonal-

ment estiża l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna għall-frustier anki mhux domiċiljat jew residenti f'dawn il-Gżejjer. Il-kwistjoni mhix jekk il-frustier għandux "interess" fil-kawża in kwistjoni; il-kwistjoni hi, kif intqal ġa, jekk il-kawża tistax twassal għal sentenza favur suddittu britanniku kontra dak *il-frustier li tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer*; "għax hija l-possibbiltà ta' din l-eżekuzzjoni l-unika raġuni li tista' tiġġustifika skond il-liġi dik l-estensjoni eċċezzjonali tal-ġurisdizzjoni";

Huwa veru illi, skond il-liġi, l-imsejjaħ fil-kawża jista' jiġi kundannat daqs li kieku l-kawża kienet mill-ewwel proposta kontra tiegħu; *iżda, kif ġie kostantement interpretat* mill-ġurisprudenza, dan jista' jsir biss "fil-limiti tal-azzjoni eżerċitata". Issa, dan ma jistax jiġri fil-każ preżenti. L-azzjoni tal-attur nomine hija bażata fuq obligazzjoni personali tal-konvenuti, u l-kawżali tagħha hija r-rapport ġuridiku li l-attur jippretendi li hemm bejnu u l-konvenuti, derivanti *minn* dik l-obligazzjoni. Fiċ-ċitazzjoni anzi hu eskluż espressament kwalunkwe rapport ma' ħadd ieħor. Il-konvenut Said stess ma jridx isejjaħ fil-kawża l-"Consorzio" għax jippretendi li dan, "f'din il-kawża", jista' talvolta jiġi kundannat minfloku, jew kundannat jirrilevaħ. Kif jidher mir-rikors tiegħu fol. 236 u mir-rikors tal-appell, il-konvenut Said irid il-"Consorzio" fil-kawża biex "iwaqqa'" l-azzjoni tal-attur;

Għalhekk, f'ebda każ ma jista' jkun hemm f'din il-kawża mogħtija sentenza li tista' tiġi eżegwita kontra l-"Consorzio", u kwindi ma tirrikorrix l-ipotesi kontemplata fl-imsemmi nċiż (g) tal-art. 743 K.O.P.Ċ.;

*In vista ta' dan, il-Qorti ma għandhiex bżonn teżamina* kwistjonijiet oħra;

Għalhekk tiddikjara illi l-Qrati ta' dawn il-Gżejjer ma għandhomx ġurisdizzjoni biex isejħu fil-kawża lill-"Consorzio Agrario della Tripolitania", u f'dan is-sens tikkonferma d-digriet appellat u tiċħad it-talba tal-konvenut Said nomine; bl-ispejjeż ta' din l-istanza wkoll kontra tiegħu.